**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kaz numru 1132/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Farr)**

**vs.**

**David Azzoprdi**

**Illum l-4 ta' Lulju 2022**

Il Qorti:

Rat illi tressaq David Azzopardi ta' David Azzopardi, ta' 27 sena, iben Alfred u Maria Theresa nee' Cuschieri, imwieled il-Pieta' nhar it-13 ta' Ottubru 1988, residenti gewwa 43, Triq il-Mina tax-Xatt, Isla, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 483388M.

1. Billi int akkuzat talli nhar il-5 ta' Gunju 2014, gewwa Triq il-Mina tax-Xatt, Isla, volontarjament hassart, ghamit hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe' hsara fuq vettura tat-tip Citroen C3 bin-numru tar-registrazzjoni KBN-381, liema hsarat huma ta' aktar minn €2,500, ghad-detriment ta' grazziella Cutajar u /jew Emanuel

Cutajar u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbejt ghal Grazziella Cutajar, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 121789M u kkagunajtilha griehi ta' natura hafifa, skont ma iccertifikat Dr C. Bugeja Fassert MD, u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istes data, hin, lok u cirkostanzi ksirt il-provediemnti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghek b'sentenza tal-Qorti tal-Magistarti (Malta), Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D., datat 18 ta' Lulju 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

4. U aktar talli fl-istesss data, hin, lok u cirkostanzi sirt recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Grazziella Cutajar u il-familjari taghha kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat il-kunsens tal-Avukat General sabiex il-kawza odjerna tigi ttrattata bi procedura sommarja.[2]

Rat illi meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392 tal-Kodici Kriminali, l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-18 ta' April 2016.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-2 ta' Mejju 2022[5].

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda kollha, inkluz dik ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2022.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

---

[1] Folio 124-126 ta' l-atti processwali
[2] Folio 7 ta' l-atti processwali
[3] Folio 11 ta' l-atti processwali
[4] Folio 82 ta' l-atti processwali
[5] Folio 170 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Din il-kawza hija rizultat ta' rapport li sar gewwa l-ghassa ta' Bormla meta gie rraportat minn Graziella Cutajar li kellha argument mas-sieheb taghha, l-imputat, fejn stqarret illi waqt illi hija kienet id-dar tieghu kellhom argument fuq it-tifla taghhom ta' sitt xhur li eskalat u spicca isawwatha kif ukoll ghamel hsara estensiva lill-vettura taghha.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 xehed **l-Ispettur Robert Said Sarreo**, stazzjonat fl-ghassa ta' Haz Zabbar, fejn staqr li nhar il-5 ta' Gunju 2014 ghall-habta tat-20:00hrs, certu Graziella Cutajar marret fl-Ghassa ta' Bormla u ghamlet rapport li kellha argument mal-imputat David Azzopardi, li kien is-sieheb taghha, waqt li kienet id-dar tal-genituri tieghu 42, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, fejn huwa kien qed jghix ma Cutajar u t-tfal taghha ukoll. Cutajar irrapportat li l-imputat kien aggrediha bis-sieq u bil-ponn u ghamilha xi hsara fil-karozza. Cutajar ghandha tifla mal-imputat li dak iz-zmien kellha sitt xhur. Kienet provdiet certifikat mediku il jghid li sofriet minn griehi ta' natura hafifa u anke` *survey report* maghmul mill-Middle Sea Insurance rigward id-diversi daqqiet u hsarat li kellha fuq il-karozza. Ix-xhud spjega li fl-l t'Ottubru 2014 huwa kien baghat ghall-imputat l-Ghassa u wara li dan irrifjuta l-jedd ghall-assistenza legali, kien ta stqarrija fil-prezenza ta' PS 1593 Alfred Cachia. L-imputat kien spjega li fil-jum tal-allegat incident, huwa u Cutajar kellhom xi

battibekki bejniethom minhabba messaggi li skont hu, Cutajar kienet qed tirvievi fuq il-*mobile* taghha u beda jissuspetta hazin. L-argument kompla gewwa r-residenza tieghu fejn kien hemm disgwit rigward it-tifla u gie fl-idejn ma Graziella. Ix-xhud spjega li Cutjar kien ammetta li refa' jdejh fuq Cutajar u anke` li ghamlilha hsara fil-karozza, biss li ccara li whud mid-daqqiet li kien hemm fis-*survey report*, fosthom fis-saqaf u tal-karozza u fil-*bumper*, ma kienx ghamilhom hu imma kienu pre-ezistenti. Ix-xhud imbaghad iccara dan il-punt mal-kwerelanta fejn kien ikkoncediet li fil-fatt kien hemm xi hsarat pre-ezistenti. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li ma jidhirlux li l-imputat kien talab biex jinhargu akkuzi reciproci kontra Cutajar. L-Ispettur Said Sarreo rega' xehed fis-seduti tal-5 ta' Novembru 2015 u tat-18 t'April 2016, fejn huwa esebixxa sentenzi precedenti li permezz taghhom l-imputat kien instab hati ta' ghadd ta' reati kriminali.

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 xehdet ukoll il-*parte civile* **Graziella Cutajar**. Hija spjegat li dakinhar tal-incident ghall-habta tan-12:30hrs harget tixtri u halliet lit-tifla mal-imputat, li kien qieghed hewwa hanut tat-te` f'Bormla. Gara li hija damet ghand tal-hanut u l-imputat beda jibghatilha hafna messaggi jistaqsi ghalfejn qed iddum. Meta rritornat lura ghall-habta tas-13:30hrs, hija marret hdejn l-imputat gewwa l-hanut ta-te` u hekk kif harget tpejjep, innutat lill-imputat iqalleb fil-*mobile* taghha. Hekk kif dahlet lura, laqagha bil-kliem "inti qed taqlibhieli" u theddid li "ser nifqaghlek wiccek". Dak il-hin ix-xhud dahlet fil-karozza u telqet minn fuq il-post fejn kompliet b'xi qadi iehor. Ghall-habta tal-17:30, l-imputat baghtilha messagg fejn talabha tinzel tigbru bil-karozza u ghalkemm kienet fastidjata fuq dak li kien gara, marret ghalih biex ma tkabbarx il-problemi. Fil-karozza kien hemm ukoll omm l-imputat u kien hemm il-*pushchair* mghobbija. X'hin waslu lura, l-imputat tella' lit-tifla fuq u ha ghandu c-cavetta tal-karozza, filwaqt li beda jghid lix-xhud biex tara min ser izommilha t-tfal l-ghada. Ix-xhud cemplet lil ommha biex tistaqsiha u din hasset

li kien gej l-inkwiet. Jidher li omm ix-xhud cemplet lil omm l-imputat. Minkejja li x-xhud kienet nizlet hdejn il- bieb ta' barra, f'daqqa wahda l-imputat nizel ikkargat minn fuq, qabad lix-xhud minn Xaghra u filwaqt li gibidha lura, beda jaghtiha bis-sieq u bil-ponn fuq sidirha u fuq genbha. Waqt li graw dawn l-affarijiet it-tfal kienu qieghdin gewwa d-dar. L-imputat beda jghid li jekk ix-xhud tiehu lit-tifla "joqtolha". Ix-xhud spjegat li minkejja li t-tifla kienet registrata fuq kunjomha, l-imputat kien dejjem jheddidha li jekk tiehu lit-tifla kien ser joqtolha. Hekk kif l-imputat waqaf jaggredixxi lix-xhud, din malajr dahlet gol-karozza bit-tfal izda l-imputat beda jaghti bis-sieq u bil-ponn mal-bibien u s-saqaf tal-karozza. Ix-xhud baqghet sejra l-Ghassa ta' Bormla taghmel rapport u bl-assistenza tal-Pulizija, l-imputat ghaddielha t-tifla z-zghira. Bl-ghajnuna t'ommha, ix-xhud gabret hweggigha u telqet tghix ghand ommha. Ix-xhud marret ic-centru tas-sahha tal-Furjana sabiex tigi nvistata u hadet ukoll xi ritratti tal-griehi li sofriet kif ukoll tal-hsarat li garrbet il-karozza taghha. Ix-xhud stqarret li kien hemm xi hsarat fil-karozza li kienu hemm minn qabel izda t-tellar kellu jsewwihom ukoll xoghol wiehed sabiex il-kuluri jaqblu. In kontro-ezami, ix-xhud iccarat li kienet ghadha ma thallset xejn mill-*insurance* taghha fir-rigward tal-hsarat sofferti fil-karozza.

Il-*parte civile* giet prodotta in kontro-ezami fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2022. Hija kkonfermat li ghadha qed tinsisti fuq ir-rapport li ghamlet fil-konfront tal-imputat u sostniet li sa dakinhar, kienet ghadha ma thallsitx tal-hsarat li sofriet fil-karozza taghha. Fil-fatt, il-hsara kienet issewwiet taht il-polza tal-assikurazzjoni tal-karozza izda l-*parte civile* kellha tbaghti l-*policy excess fee*, liema spiza ma setghatx tiftakar x'kienet.

Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 xehed **PC 791 John Borg**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, li spjega li nhar il-5 ta' Gunju 2014, certu Graziella Cutajar kienet ghamlet rapport li kellha argument mal-partner taghha David Azzopardi,

liema argument sehh fid-dar tieghu, 42, Triq il-Mina tax-Xatt, I-Isla. Waqt dan l-argument, Azzopardi kien qal li ma kienx ser ihalli lil Cutajar tiehu t-tifla li ghandhom flimkien, Zamira, li kellha sitt xhur, u sahansitra ghedded lill-kwerelanta li kien ser joqtolha. Ix-xhud spjega li skont il-kwerelanta, l-imputat kien qabad isawwatha minhabba l-fatt li kienet qalet lil ommha b'dak li kien qed jigri. Il-kwerelanta kompliet tispjega li hija imbaghad hadet it-tfal u pruvat tirkeb fil-karozza taghha biex titlaq minn fuq il-post izda l-imputat beda' jaghti bis-sieq u bil-ponn mal-karozza fejn ikkaguna hsarat mal-bibien u fuq il-*bonnet*. Ix-xhud kien kellem lill-imputat telefonikament sabiex jirrikorri l-Ghassa bit-tifla z-zghira u huwa kkoopera.

Fl-istess seduta xehed **Antwan Mugliett**, *auto surveyor*, li b'referenza ghas-*survey report* ezebit a fol. 19, ikkonferma li huwa rrediga l-istess. Spjega li huwa kien spezzjona l-vettura tal-kwerelanta, Citroen C3, bin-numru ta' registrazzjoni KBN-381 u kkonstata li din kellha diversi daqqiet fuq in-naha tal-lemin minn quddiem kif ukoll fuq is-saqaf u l-*bonnet* ukoll. L-istima tal-hsrat lahqet is-somma ta' €2,880.90. Ix-xhud eskluda l-possibilita` li l-hsarat gew minn incident stradali normali tenut kont li jinstabu mal-karozza kollha.

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2015 xehdet **Lorenza Cutajar**, omm il-*parte civile*. Ix-xhud spjegat li kien hemm diversi okkazjonijiet fejn l-imputat kien refa' idu fuq bintha. Dakinhar li sehh l-incident in ezami, ix-xhud kienet qieghda gewwa d-dar taghha fis-Siggiewi. Kienet irceviet messagg minghand bintha sabiex izzomm lin-neputijiet Maraya u Javier l-ghada filghodu sabiex tkun tista' tmur ix-xoghol. Ftit wara dan il-messagg ix-xhud bdiet tipprova ccempel lil bintha fuq il-mowbajl imma din bdiet taqtalha. Ix-xhud hebritha qalbha li kien inqala' l-inkwiet u allura bdiet tipprova ccempel lill-imputat. Meta dan ma qabadx, cemplet lill-ommu, li rrispondietha. Minn fuq il-linja bdiet tisma' ghajjat u twerzieq, fejn bintha bdiet tghid "hallili xaghri". Ix-xhud hadet l-inkarigu li

ccempel lill-Pulizija biex imorru fuq il-post imma ma tafx jekk attwalment marrux. Wara ftit ix-xhud irceviet telefonata minghand l-imputat fejn dan beda jitmashan u jghid "jien ghala zobbi minnek, mill-Pulizija u mill-Qorti b'kollox". Wara dan, ix-xhud telqet mis-Siggiewi flimkien ma huha sabiex jigbru lill-*parte civile*, it-tfal kif ukoll hwejjigha minhabba li kienet ser titlaq mid-dar ta' omm l-imputat fl-Isla.

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2022 xehed **Mario Cutajar**, missier il-*parte civile*, li filwqt li stqarr li l-vettura KBN-381 kienet registrata fuq ismu, din kienet tat-tifla tieghu. Stqarr ukoll li huwa ma kienx prezenti ghall-incident *de quo*.

Fl-istess seduta xehed minn rajh **l-imputat David Azzopardi**. Spjega li fiz-zmien, huwa kien is-sieheb tal-*parte civile* Graziella Cutajar u kellhom tifla flimkien. Huwa stqarr li ftit li xejn jiftakar dwar l-incident de quo ghajr ghal li kien ta xi daqqiet ta' ponn fuq il-karozza tal-*parte civile* fil-bieba u fis-saqaf. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk jiftakarx ghalfejn kien wasal li jaghmel hekk, huwa qal li ma jiftakarx. Stqarr ukoll li llum il-gurnata m'ghadx ghandu kuntatt mal-*parte civile* u l-familja taghha.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrijiet ta' l-imputat David Azzopardi ittiehdet nhar il-1 ta' Ottubru 2014 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Robert Said Sarreo wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[6].

[6] Dok RS5, Folio 27-28 ta' l-atti processwali

L-istqarrija ta' l-imputat ittiehdet certu zmien wara mill-incident, u cioe' madwar erba xhur wara l-incident fil-prezenza ta' l-Ispettur Robert Said Sarreo u PS 1593 A. Cachia. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija kif ukoll li jwiegeb ghall-mistoqsijiet li sarulu. Illi qabel ma saret l-interogazzjoni nghata d-dritt li jiehu parir legali, liema dritt irrinunzja ghalih.[7]

Illi fl-istqarrija ta' l-10 ta' Mejju 2015 l-imputat ghazel li ma wiegibx ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni.[8] Illi fl-istqarrija tas-26 ta' Mejju 2015, l-imputat jaghzel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni[9] u jidhol f'certu dettal dwar uhud mill-incidenti kif ukoll jaghzel li ma jwiegibx dwar ohrajn.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk 1-istqarrijiiet li ġew rilaxxati mill-imputat humiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġew rilaxxati l-istqarrijiet tal-imputat, il-liġi Maltija ma kienitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul 1-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk 1-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

---

[7] Dok RS4, Folio 26 ta' l-atti processwali
[8] Folio 95 u 96 ta' l-atti processwali
[9] Folio 16 ta' l-atti processwali

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ghazel li ma juzax. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[10] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[11] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

[10] Fit-28 ta' Novembru 2016

[11] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-

sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[12] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti 1-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[13] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[14] fejn il-Qorti rriteniet:

---

[12] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

[13] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

[14] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[15] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

[15] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[16]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[17]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[18] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[19]

[16] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[17] Folio 14 tas-sentenza
[18] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[19] Folio 25 tas-sentenza

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[20]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[21] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat huwa ben konxju jekk mhux imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijiiet u ma tqishomx bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet**

Illi l-ewwel imputazzjoni tittratta r-reati ta' hsara volontarja rispettivament.

[20] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

[21] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Robert Said Sarreo irrizulta li l-allegat vittma Graziella Cutajar marret go l-ghassa tal-Bormla fejn irapportat li kellha argument mas-sieheb taghha, l-imputat David Azzopardi. Waqt dan l-argument, l-imputat tah xeba' u anke ghamlilha hsara fil-karozza. Stqarret li ghandhom tarbija ta' sitt xhur flimkien u li dan l-argument wassal sabiex l-imputat refa' idejh fuqha, beda jaghtiha bis-sieq u bil-ponn u ta' diversi daqqiet fuq il-karozza taghha.

Illi l-vittma kkoroborat dan kollu billi pprezentat lill-pulizija certifikat mediku tal-griehi li soffriet kif ukoll *survey report* maghmul mill-Middle Sea Insurance fir-rigward id-diversi daqqiet u hsarat li kellha l-vettura tal-vittma.

Meta kienet tkellmet ma l-imputat kien ammetta li kien refa' idejh fuqha kif ukoll li ghamlilha xi hsarat fil-karozza taghha, ghalkemm kien hemm diga xi daqqiet qabel dan il-incident.

Ghar-rigward it-tieni imputazzjoni l-parte civile Graziella Cutajar esebit ukoll certifikat mediku mahrug nhar il-5 ta' Gunju 2014, fil-hdax ta' filghaxija mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana mit-tabib Dr. Chloe Bugeja Fassert Med Reg No. 3057.[22] Il-griehi f'dan ic-certifikat gew kklasfikati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet. Illi fl-istess certifikat hemm imnizzel:

*"Allegedly beaten up sustained punches to face, arms, and side of chest and patient fell to ground."*

Mis-*survey report* tal-Middlesea Insurance irrizulta li l-ammont globali tal-hsara jammonta ghall- €2,880.90.[23] Illi f'dan ir-rapport jidher car id-diversi daqqiet li sostniet il-vettura.

---

[22] Dok RS Folio 18 ta' l-atti processwali

[23] Dok RS2, Folio 19-21 ta' l-atti processwali

In kontro ezami l-parte civile stqarret li ghad ghandha interess fil-proceduri kif ukoll ikkonfermat li hi qatt ma thallset mill-imputat tal-hsarat li soffriet minnu.

L-imputat ghazel li jaghti x-xhieda tieghu b'mod volontarju.[24] Fix-xhieda tieghu, filwaqt li jghid li ma jiftakarx kollox, jikkonferma li ftakar li ta daqqiet fuq il-karozza.

*"Hlief li ghamilt il-hsara lill-karozza, dik li niftakar.*

…

*Li tajt daqqiet ta' ponn lill karozza"*[25]

L-imputat jikkonferma u jammetti wkoll li dawn id-daqqiet tahom fil-bieba u fis-saqaf tal-karozza.

Fir-rigward taz-zewg reati, din il-Qorti, m'ghandhiex dubju li l-imputat kellu sehem fid-distruzzjoni tal-vettura ta' Emanuel Grima u dan qed jinghad ukoll in vista ta' l-ammissjoni tieghu stess. Il-Qorti tqis ukoll li x-xhieda ta' Graziella Cutajar li giet ikkoroborata bi provi ohra dokumentarji hija verosimili u ghandha mis-sewwa.

Ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-ewwel zewg imputazzjonijiet sal-grad rikjest mil-ligi, u konsegwentement sejra tghaddi sabiex issibu hati taghhom.

**It-tielet imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva**

[24] Folio 185-187 ta' l-atti processwali

[25] Folio 186 ta' l-atti processwali

Il-Qorti wara li fliet u ezaminat l-atti jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma esebit ebda prova f'dan ir-rigward. Filwaqt li giet esebita l-fedina penali ta' l-imputat, din il-Qorti ma tqis li l-fedina penali hija l-aqwa prova li setghet tingieb jew li tista tipprovdi l-garanziji mehtiega sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tghaddi sabiex tilibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni inkluz dik ta' l-addebitu tar-recidiva stante li ma tressqux provi li jistghu iwasslu sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li minnha jirrizulta li l-imputat kellu diversi incidenti fil-passat tieghu li jinvolu reati kontra l-persuna li jibdew mis-sena 2007, bl-aktar wahda recenti fis-sena 2013.[26]

Il-Qorti qiset ukoll li dawn ir-reati saru fuq omm bintu u b'hekk dan l-agir ghandu jigi meqjus deplorabbli, iktar u iktar, meta bhala missier ghandu jkun ta' ezempju tajjeb ghat-tifla tieghu.

Finalment il-Qorti qiset ukoll li l-imputat ma jidhirx li wera rimors ta' ghemilu jew skuza ruhu jew ghamel tajjeb ghal-hsarat li ikkaguna lill-vittma.

[26] Folio 4-6 ta' l-atti processwali

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(a), 222(1), 28A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib l-imputat David Azzopardi **hati** ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet filwaqt li tilliberah minn kull htija u piena ghar-rigward it-tielet imputazzjoni inkluz l-addebitu tar-recidiva u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' **prigunerija ta' sentejn (2)** li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tlett snin (3) millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1), 28H(2) u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lil Graziella Cutajar is-somma ta' elfejn, tmien mija u tmenin Euro u disghin centezmu (**€2,880.90c**) rapprezentanti kumpens tal-hsara li kkagunalha fi zmien sena (1) wahda millum. Illi f'kaz ta' nuqqas ta' hlas mill-imputat, l-istess ammonti jkunu jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili skond l-artikolu 15A.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot lill-hati ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum taht penali ta' elf euro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Graziella Cutajar ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm

imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

**Moghtija illum nhar il-4 ta' Lulju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**